**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**L-Awditur Emanuel sive Stephen Fenech (K.I. numru 989749M) u l-Perit Emanuel sive Mannie Galea (K.I. numru 69461M) bhala amministraturi kongunti ta' l-eredita' ta' Helen u Maria Carmela ahwa Grech nominati b'digrieti tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) fosthom dawk bin-numri 891/2003 u 750/2013**

**vs**

**Robert Muscat (K.I. numru 152575M)**

**Rikors Numru: 237/2019JD**

Illum 16 ta' Gunju 2021

Il-Bord,

Ra r-Rikors[1] tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti nomine huma l-proprjetarji tal-fond numru wiehed u ghoxrin (21), li jinsab gewwa Triq San Mark, Valletta;

2. Illi bi skrittura privata datata disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru, tas-sena elfejn (2000), li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, l-predecessur fil-kariga tar-rikorrenti nomine kera l-fond hawn fuq imsemmi u cioe' l-fond numru wiehed u ghoxrin (21), li jinsab gewwa Triq San Mark, Valletta lill-intimat Robert Muscat biex jigi uzat bhala residenza ghal perjodu ta' ghaxar snin;

3. Illi din il-kirja skadiet fil-wiehed u tlettin (31) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) izda minkejja diversi interpellanzi fosthom l-Ittra Ufficjali numru 2317/2015 (Dok B), l-intimat Robert Muscat naqas mil-jizgombra mill-fond hawn fuq imsemmi u jirritorna l-pussess tal-istess fond lir-rikorrenti nomine;

[1] Fol. 1 sa 3

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. Illi r-rikorrenti nomine jafu bil-fatti hawn fuq imsemmija personalment;

6. Illi r-rikorrenti nomine gew debitament awtorizzati jipprezentaw l-azzjoni odjerna permezz ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fis-17 ta' Jannar, 2019, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neccessarji u jinghataw il-provedimenti opportuni, jghid l-intimat ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti nomine, li qeghdin hawn jitolbu li Dan il-Bord joghgbu:

1. Jiddikjara terminata l-kirja tal-fond numru wiehed u ghoxrin (21), li jinsab gewwa Triq San Mark, Valletta bejn ir-rikorrenti nomine u l-intimat Robert Muscat skont l-iskrittura ta' kera datata disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) (Dok A) u li ghalhekk l-intimat Robert Muscat qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Jordna lill-intimat Robert Muscat jizgombra mill-fond numru wiehed u ghoxrin (21), li jinsab gewwa Triq San Mark, Valletta fi zmien qasir u perentorju li Dan l-Onorabbli Bord joghgbu jipprefiggi wara li jaghti l-opportuni provvedimenti;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali numru 2317/2015 (Dok B) u bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti nomine kontra l-intimat Robert Muscat li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra illi l-intimat ma prezenta ebda risposta.

Sema' x-xhieda.

Ra d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti.

**Ikkunsidra li:**

Jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti nomine, proprjetarji tal-fond mertu tal-proceduri odjerni, krew permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Novembru 2000 krew il-fond de quo lill-intimat Robert Muscat sabiex jigi uzat bhala residenza ghal perjodu ta' ghaxar snin. Din il-kirja skadiet fil-31 ta' Ottubru 2010 izda nonostante li l-intimat gie interpellat diversi drabi biex jizgombra huwa naqas milli jaghmel dan u lanqas kera ma hallas.

Illi l-intimat nonostante li gie debitament notifikat baqa' la wiegeb u wisq anqas deher f'dawn il-proceduri. Huwa inghata wkoll id-dritt li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet

hekk kif ir-rikorrenti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu izda ebda nota ma giet prezentata.

Fid-dawl tar-rizultanzi processwali l-Bord iqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nominee u ghalhekk:

1. Jiddikjara terminata l-kirja tal-fond numru 21, li jinsab gewwa Triq San Mark, Valletta bejn ir-rikorrenti nominee u l-intimat Robert Muscat skont l-iskrittura ta' kera datata 29 ta' Novembru 2000 u li ghalhekk l-intimat Robert Muscat qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;
2. Jordna lill-intimat Robert Muscat jizgombra mill-fond numru 21, li jinsab gewwa Triq San Mark, Valletta fit-terminu perentorju ta' ghoxrin (20) jum millum.

Bl-ispejjez kif mitluba a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**